KULLEĠĠ SAN NIKOLA

L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU

Frar 2018

**Ir-Raba' Sena** **Il-MALTI** **Il-Ħin: Siegħa u Kwart**

**(Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba)**

L-isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: _________

| Il-Marki | |
|---|---|
| **Il-Fehim mill-Qari** | **Il-Kitba** |
| ________<br>30 marka | ________<br>30 marka |



**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb ismek, kunjomok u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, aqra u ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Qis li ma tħalli xejn barra.

Il-FEHIM MILL-QARI

**A. Aqra dan ir-reklam.**

# L-Akkwarju Nazzjonali

Fl-akkwarju ta' Malta hemm esebita għażla ta' ħut, miż-żoni kollha tad-dinja. Tista' tara ħut tal-ilma ħelu, speċi tal-Baħar Mediterran, ħut eżotiku mill-Baħar l-Aħmar, kif ukoll ħut ieħor mill-Oċean Indjan. Fost l-akbar attrazzjoni hemm il-**klieb il-baħar**.



L-akkwarju jkun miftuħ mit-**Tnejn** sal-**Ħadd**
mid-**9:00** ta' filgħodu sal-**5:00** ta' waranofsinhar.

Il-prezz tal-adulti huwa ta' **€15**, filwaqt li t-tfal iħallsu **€5**.

Għal aktar informazzjoni dwar l-akkwarju żur is-sit elettroniku
**www.akkwarju.com.mt**

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq ir-reklam li qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb.**

1. Ikteb fil-kaxxa l-vojta jekk hux **Veru** jew **Falz**. (3 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. | Fl-akkwarju hemm esebita speċi mill-Mediterran biss. | |
| b | L-akkwarju nazzjonali jkun miftuħ kuljum. | |
| ċ. | L-adulti jħallsu €5 biex jidħlu. | |

2. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa. (2 marki)

a. Fl-akkwarju wieħed jista' jara wkoll

- sriep tal-ilma. ☐
- ħut tal-ilma ħelu. ☐
- wiżgħat tal-ħajt. ☐

b. L-akkwarju nazzjonali jiftaħ

- fid-9.00. ☐
- fl-10.00. ☐
- fil-5.00. ☐

3. Imla l-vojt b'**kelma waħda**. (3 marki)

a. Fl-akkwarju hemm esebiti speċi mill-Oċean _______________.

b. Attrazzjoni popolari huma l-klieb _______________.

ċ. Sabiex tkun taf aktar dwar l-akkwarju għandek tidħol fuq _______________ elettroniku.

4. Kieku int iżżur dan l-akkwarju x'tixtieq tara l-ewwel? Għaliex? (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

**B.** Aqra l-istorja **Sejba mhux tas-soltu**

Nhar is-Sibt li għadda mort għand in-nannu bħas-soltu. Wara li ħadna l-kolazzjon flimkien, in-nannu talabni mmur nixtrilu l-mediċina mingħand l-ispiżjar. Jien ma tliftx żmien u rħejtilha noqmos għal għand l-ispiżjar. (paragrafu 1)

Iżda kif kont għoddni ksirt il-kantuniera, ilmaħt xi ħaġa mal-art, eżatt taħt il-bankina. Kif tbaxxejt indunajt li kienet qisha ċavetta kbira, ta' kulur sewdieni. Kienet daqsiex. Jien qatt ma kont rajt ċavetta daqshekk kbira u meta ġbartha ndunajt li kienet tal-ħadid. Tfajtha fil-basket tal-karti li kelli u komplejt triqti. (paragrafu 2)

Għand l-ispiżjar ma kienx hemm wisq nies dak il-ħin u nqdejt **f'kemm trodd salib**. Kif mort lura d-dar tan-nannu, urejtu ċ-ċavetta li kont sibt. Spjegali li dik kienet tissejjaħ muftieħ u li wisq probabbli kienet ta' xi ħaġa antika. U dlonk beda jirrakkontali stejjer minn tfulitu. Għax għalkemm saħħet in-nannu kienet **sejra lura bħall-granċ**, moħħu kien għadu tajjeb. Beda jirrakkonta meta darba, hu u ħutu, ħadu baxx baxx il-muftieħ tal-girna ta' missierhom u bejniethom kielu nofs kannestru ħawħ li kien għadu kemm qata' dik il-għodwa. (paragrafu 3)



Meta n-nannu nixef mir-rakkonti qalli biex nieħu l-muftieħ għand il-kappillan. Għall-ewwel jien ma fhimtx x'kellu x'jaqsam il-kappillan, imma n-nannu spjegali li qabel, meta jitilfu jew isibu xi ħaġa kienu jmorru għand il-kappillan tar-raħal u jagħtuha lilu. (paragrafu 4)

Xi nofs siegħa wara, kont għand Dun Salv, il-kappillan xwejjaħ tar-raħal, u tajtu l-muftieħ li kont sibt. Mort lura d-dar tan-nannu, u xi siegħa wara ħabbat il-bieb. Kien Kola s-sagristan b'borża ħelu f'idu għalija. Il-muftieħ kien waqa' lilu meta kien dieħel għand l-ispiżjar. Kien ferħan se jtir li reġa' sabu. (paragrafu 5)

(Silta meħuda minn *Sagħtar, Novembru 2004*)

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-istorja li qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb. (Jingħataw 3 marki żejda għal kitba tajba.)**

1. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba li toqgħod skont is-silta. (5 marki)

a. It-tifel kien iżur lin-nannu Ġann kull nhar ta' __________________.
b. In-nannu Ġann bagħat lin-neputi jixtrilu __________________ mingħand l-ispiżjar.
ċ. Fi triqtu, it-tifel sab __________________.
d. Dan kien intilef lil Kola, is-__________________ tar-raħal.
e. Bħala ringrazzjament, Kola ta lit-tifel __________________ ħelu.

2. Poġġi dawn is-sentenzi wara xulxin fl-ordni li ġraw. **L-ewwel waħda hija lesta.** (3 marki)

| | |
|---|---|
| It-tifel mar juri dan l-oġġett lil nannuh. | |
| Kola s-sagristan mar jirringrazzja lit-tifel. | |
| **Fit-triq it-tifel lemaħ oġġett iswed.** | **1** |
| It-tifel mar bih għand il-kappillan tar-raħal. | |

3. Għaliex in-nannu Ġanni bagħat lit-tifel biex jaqdih minfloku? (marka)

______________________________________________

______________________________________________

4. Iddeskrivi dak li sab it-tifel. (marka)

______________________________________________

______________________________________________

5. Il-muftieħ fiex fakkru lin-nannu Ġanni? (2 marki)

6. Għaliex in-nannu qal lit-tifel biex jieħu l-muftieħ lil Dun Salv? (marka)

7. Ta’ min kien dak il-muftieħ? (marka)

8. Kieku int issib oġġett fit-triq, x’tagħmel? (marka)

9. Xi tfisser il-frażi **f’kemm trodd salib** fis-sentenza *‘ma kienx hemm wisq nies dak il-ħin u nqdejt f’kemm trodd salib’*, f’paragrafu 3? (marka)

10. Xi tfisser il-frażi **sejra lura bħall-granċ** fis-sentenza *‘saħħet in-nannu kienet sejra lura bħall-granċ’*, f’paragrafu 3**?** (marka)



IL-KITBA

## A. IL-GRAMMATIKA U L-ORTOGRAFIJA (10 marki)

**1. Aqra dawn is-sentenzi u wara wieġeb il-mistoqsijiet. L-ewwel waħda lesta.**

| |
|---|
| Toni kien magħruf ma' kulħadd għall-qalb tajba li kellu. Ħajtu għaddieha fir-razzett li kellu fil-Baħrija. Martu u wliedu kienu jgħinuh ġmielhom għax barra l-ftit għelieqi li kellu, kien irabbi xi annimali wkoll. |

| | | |
|---|---|---|
| a. | Mis-sentenzi sib u ikteb **verb.** | *irabbi* |
| b. | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom proprju.** | |
| ċ. | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom fil-plural.** | |
| d. | Mis-sentenzi sib u ikteb **aġġettiv.** | |
| e. | Ikteb is-**singular** ta' **għelieqi**. | |
| f. | Ikteb **kelma waħda** flok dak **li jieħu ħsieb l-għelieqi.** | |

**2. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.**

| | | |
|---|---|---|
| a. | Indunajt li d-dublett kien ______________. | maħmuċ / maħmuġ |
| b. | Kurt ____________ żewġ ħutiet. | qabad / qabat |

**3. Imla l-vojt.**

| | | |
|---|---|---|
| a. | Ikteb **nom kollettiv**. | Fil-Port il-Kbir daħlet __________________ vapuri. |
| b. | Daħħal **verb** li jagħmel sens. | Iz-ziju u z-zija __________________ rota. |
| ċ. | Ikteb l-**oppost** ta' **daħlu**. | It-tfal __________________ mill-iskola fil-ħin. |

## B. Il-KITBA TA' ITTRA QASIRA (3 marki)

**Inti u l-familja tiegħek qegħdin Għawdex. Ikteb ittra qasira lill-ħabib jew ħabiba tiegħek biex tgħidlu/tgħidilha kif qed tqattgħu dawn il-ġranet ta' vaganzi.**

**Tista' tikteb:**



- **Fejn qiegħed jew qiegħda.**
- **X'qed tagħmel matul il-ġurnata.**
- **X'għoġbok s'issa.**

"Ave Maria",
Triq il-Kbira,
Rabat, Malta
RBT 2131
Is-Sibt 20 ta' Lulju 2017

______________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

______________________________

______________________________

## Ċ. Il-KITBA TA' STORJA

Agħżel WAĦDA minn dawn l-istejjer u ikteb madwar għaxar sentenzi fuqha.

| | |
|---|---|
|  | 1. Jien għasfur<br><br>Ikteb fuq il-ħajja tiegħek bħala għasfur.<br><br>X'tip ta' għasfur int? Fejn toqgħod? X'tagħmel matul il-ġurnata? Minn fejn issib l-ikel? |

JEW

| | |
|---|---|
|  | 2. Jien rota.<br><br>Immaġina li kont rota.<br><br>X'tip ta' rota int? X'kuluri għandek? Fejn tinsab? X'tagħmel matul il-ġurnata? Fejn tmur? |

Ċ.i. Agħmel il-pjan tal-istorja li għażilt fl-ispazju t'hawn taħt.

**Storja __________ (Ikteb 1 jew 2)** (2 marki)

**Ċ.ii. Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-istorja li għażilt.**

**L-istorja għandha tkun madwar GĦAXAR SENTENZI.** (15-il marka)

- Tmiem il-Karta -